**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta’ Jannar 2022**

Rikors Numru: 118/21 AL

ADB

vs

Dr. Daniel Attard u P.L. Gerald Bonello li ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati permezz tad-digriet tal-24 ta’ Mejju 2021 sabiex jirrapreżentaw lill-assenti CB

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu ġewwa r-Repubblika tal-Filippini fl-20 ta’ Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv, illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala ”Dok A”

2. Illi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet għandhom żewġt itfal, senjatament EDB u XDB, li għandhom tmintax (18) u ħmistax (15)-il sena rispettivament, skont ma jirriżulta miċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala Dok ”B” u ”C”.

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għall-iktar minn sitt (6) snin, b'dan illi l-intimat qatt ma ġie Malta, u għaldaqstant ma ġiet stabbilita l-ebda kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. In oltre l-partijiet qatt ma akkwistaw kwalunkwe assi u/jew ikkuntrattaw xi dejn flimkien.

4. Illi l-esponenti telqet mir-Repubblika tal-Filippini iktar minn sebgħa (7) snin ilu u ilha tgħix Malta għal iktar minn sena, senjatament mill-elfejn u dsatax (2019), skont ma jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi bħala Dok. "D" u Dok. "E", b'dan illi għaldaqstant hija tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji ai termini tal-Artikolu numru 66(N)(1)(b) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma ilhom separati de facto għal iktar minn sitt (6) snin, huma jgħixu wkoll ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe ħlas ta' manteniment.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Qorti datat 22 ta' Frar 2021, illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. "F".

9. Illi l-esponenti qiegħda tesebixxi l-affidavit tagħha, hawn anness bħala Dok. "G".

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Depuati Dr. Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello a fol 38 li permezz tagħha esponew:

1. Illi preżentement, s-sottoskritti qegħdin jiddikjaraw illi m'humiex edotti mill-fatti fil-konfront tal-assenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha talbet lill-Qorti tawtorizaha tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe` D.

Rat ir-risposta tal-intimati nomine;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de* facto separati għal aktar minn sitt (6) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "D" u l-Qorti qegħda tilqa' din it-talba u tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu ħsieb li dan isir;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "D", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.